**KUNSILL LOKALI L-IMQABBA**

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru erbgħa u sebgħin (75) tal-Kunsill Lokali L-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farruiga | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier* |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*Daħlet nofs siegħa tard.

1. Is-sindku **ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu ċirkulati minn qabel permezz ta' *e-mail* u dawn kienu amendati, approvati u ffirmati.

3. Dwar l-**ispeċifikazzjonijiet il-ġodda tal-offerta tax-xogħlijiet fuq miżura 313**, tal-Aġenzija tal-Pagamenti, ma kien hemm xejn x'wieħed jirrapporta għaliex s'issa l-Perit Bezzina għadu ma lestihomx. Madankollu l-KLM qabel illi joħroġ kwotazzjonijiet oħrajn għal *Computer* u *Server*, *IT* u *Electrical Changeover* fl-uffiċini tiegħu. Ma' dawn se jiżdied is-servizz għal ħarġa ġewwa l-gżira Għawdxija biex il-fornituri jipprovduna bi kwotazzjoni għal trasport u ikel li se jkun offrut lir-residenti bi ħlas.

4. Dwar is-suġġeriment li kien sar fis-seduta preċedenti, l-**ittra ta' ringrazzjament** lill-fornitur li jipprovdina bis-silġ, se tintbgħat mill-aktar fis filwaqt li nitolbuh jerġa' jipprovdina b'dan matul il-festa li se niċċelebraw mill-ġimgħa d-dieħla.

5. Is-segretarju eżekuttiv se jieħu ħsieb illi l-**fjuri** li se jkunu ordnati għal quddiem il-vara tal-Madonna tal-Ġilju, ikunu **bojod** skond kif jixtieqv l-membri tal-kumitat tal-istess soċjetà. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv iltaqa' mal-aġenzija tal-gwardjani u tkellem magħhom dwar l-**arranġamenti tat-traffiku**, skond kif kien issuġġerit biex jagħmel mis-sindku xi jiem ilu. L-unika differenza li se jkun hemm din is-sena, se tkun illi fortunatament din is-sena, l-vetturi mhux se jkollhom diffikultà biex joħorġu minn naħa taż-Żurrieq, kuntrarju għas-sena li għaddiet għaliex minħabba li kien qed isir xogħol fi Triq Valletta Żurrieq, dawn kellhom jiġu direzzjonati lejn Triq Ħal Kirkop. Dwar il-mawra tal-**banda barranija** fostna fejn din se tiġi milqugħa fl-Isptar il-Qadim nhar is-16 ta' Ġunju, 2011, is-segretarju eżekuttiv tkellem mal-President tal-Każin tas-SMMTĠ fejn il-KLM ser iħallas €150 tal-ikel u x-xorb, skond kif kien approvat bħala sehem fl-istedina għall-mistednin. Sadanittant il-KLM qed jieħu ħsieb ukoll sabiex il-banda barranija tkun tista' tara l-**Katakombi tal-Mentna.** Ma kienx hemm diffikultà biex jitpoġġew il-**kabbani** viċin is-*central strip* li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara li saru diskussjonijiet mal-istess soċjetà. Intant hekk kif jitlestew il-*posters* (li se jkunu qed jiġu offruti għal pagament /depożitu ta' €2) li se jkunu qed iwaħħlu s-sidien tal-kabbani biex iwissu lil poplu sabiex jaderixxu mal-***bye-law*** tax-xorb f'kontenituri tal-ħġieġ, l-uffiċċju tal-KLM jibda joħroġ il-permessi tal-istess kabbani tal-festa minnufih, fuq is-siti tas-sena l-oħra. Dwar is-sidien il-ġodda li xtaqu jarmaw il-kabbana tagħhom, il-KLM se jagħti permessi ġodda lil dawk il-kabbani li jarmaw bit-*toys* jew *trinkets* fi Triq id-9 ta' April. Is-Sinjuri Melvin Farrugia li se jarma il-kabbana tan-*Nursery* tal-Futbol għalhekk f'posta B, Antnick Tanti li ser jarma bit-*toys* fi Triq id-9 ta' April, Mario Buttigieg u Aldo Melidoni, rispettivament. Sadanittant se naraw

jekk dik il-persuna li kienet tiftaħ il-kabbana tal-ġebel fi Ġnien Tfal ir-Raħal hijiex interessata tiftaħha fi żmien il-festa flimkien mal-latrina pubblika.

6. Dwar il-proposta ta' tabelli ġodda fi Triq tas-Sejba kif esiġiet ***Transport Malta (TM)***, sabiex ikunu evitati inċidenti is-segretarju eżekuttiv talab stima kif kien ordnat jagħmel mis-sindku minn għand Koptasin. Din l-istima s'issa għadha mhix f'idejna.

7. Is-sindku informa lill-kunsillieri dwar l-andament tal-**proġett pilota** tal-KLM fejn issa ngħataw it-**tarmak** Triq il-Mitħna, Triq it-Troll, Triq il-Pal u Triq ix-Xriek. Dan wara jiem ta' tensjoni u *default letters* lill-kuntrattur tagħna għaliex ħalla t-toroq maqlugħa għal jiem sħaħ u kellna naffaċċjaw kritika serja mir-residenti li fil-jiem ta' qabel ma kienet se tiġi elebrata l-festa fejn normalment il-mara tad-dar tagħmel tindifa tajba, dan ma setgħax isir minħabba t-trabijiet.

8. Inkitbet l-ittra lill-**Kumitat ta' Garanzija (Patrimonju Kulturali)** dwar in-nuqqas ta' ftehim li l-KLM qed jitlob minn *Heritage Malta*, fuq siti storiċi fir-raħal b'mod speċjali fil-ftuħ tal-Katakombi tal-Mentna. Dan is-suġġeriment kien tad-deputat sindku għaliex il-KLM hu diżappuntat ferm bl-andament ta' kif qed jimxu l-affarijiet fil-qasam storiku u patrimonju peress li dawn jaqgħu fil-konfini tagħna.

9. Il-ħarġa li jmiss tal-**fuljett** se tkun stampata fil-jiem li ġejjin minn *Veritas Press*, sabiex jitqassam wara l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Is-segretarju eżekuttiv kien għadu jikkoreġġi l-iżbalji sa ftit siegħat qabel din is-seduta biex il-Malti jkun tajjeb u jiftiehem speċjalment fl-artikli tal-kunsillieri u l-avviżi.

10. Il-kunsillieri sabu wkoll fuq il-mejda *draft* ta' ittra li kienet konsultata magħhom mill-uffiċċju permezz ta' *e-mail* aktar kmieni matul il-ġranet li għaddew fejn il-Kumitat Reġjonali qed jitlob *feedback* minn għandna dwar id-**devoluzzjoni tal-lampi fuq arbli**. Għal dan is-suġġeriment is-segretarju eżekuttiv kien irrimarka illi mhux sew illi 'nirtu' arbli imsaddin li minkejja li kien fl-obbligu tal-Korporazzjoni Enemalta li jinbidlu, dawn qatt ma ġew mibdula. Osservazzjoni oħra kienet għad-*demarcation boxes* li kienu saru ma' kull lampa li kienet devoluta favur il-KLM meta konna ingħatajna d-delega tal-lampi imwaħħlin mal-ħitan. Dak iż-żmien il-KLM kien ħallas LM3, 000 li kienu assorbiti mill-fondi tiegħu li f'każ illi nieħdu wkoll din id-devoluzzjoni wieħed irid jikkunsidra. Is-sindku qal li minkejja dawn il-kummenti favur l-interessi tagħna, il-KLM m'għandu għalfejn joqgħod jinkwieta xejn għaliex dawn l-ispejjeż se jiġu assorbiti mill-Kumitat Reġjonali.

11. Kien approvat ir-**rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2011** filwaqt li ftit siegħat qabel ma kienet se tibda l-laqgħa irċevejna bil-posta l-***Audited Financial Statements 2010*** mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Awditur (*NAO*). Dwar dan, kien hemm kumment illi l-unika **kwalifika** li kien hemm, kienet dik dwar il-*budget* li skond il-*feedback* tas-segretarju eżekuttiv hija komuni għall-kunsilli lokali kollha li kienu uditjati mill-Kumpanija *Grant Thornton*. Kien hemm diskussjoni dwar il-kotba tal-irċevuti. Dwar dan, is-segretarju eżekuttiv qal illi hu pprova jfiehem lill-awditur, illi peress li l-KLM biex jaqdi l-pubbliku aħjar fil-ħinijiet kollha tal-ftuħ tiegħu, jilqa' l-*cash* kemm fl-uffiċċju isfel (mil-*part-timer*, sa nofs-in-nhar) kif ukoll mill-uffiċċju fis-sular ta' fuq, f'ħinijiet li fihom mhux normalment wieħed jinqeda minn uffiċini oħra, allura jkun hemm bżonn ta' aktar minn ktieb wieħed tal-irċevuti. Is-sindku qal illi għandna nimxu mad-direzzjoni tan-*NAO* u nużaw ktieb wieħed biss u Mersia Mackay jew min jiftaħ l-uffiċċju t'isfel, itellgħu fuq u jniżżlu filgħodu rispettivament. Sadanittant l-istess rakkomandazzjonijiet u osservazzjonijiet li għamlu l-udituri se jkunu diskussa fil-laqgħa li jmiss, filwaqt li s-segretarju eżekuttiv ipprovda kopja għal kull kunsillier, sabiex isibu il-ħin jaqrawhom.

12. L-ittra mibgħuta lilna mid-Dipartiment Indafa Pubblika sabiex **jitnaddfu t-toroq Valletta l-Qadima u Ħal Kirkop** fi żmien tlett ijiem mit-Tnejn li għadda, l-KLM kiteb sabiex jingħata

aktar ċans. B'dan kollu kienu jafu l-kunsillieri kif appena rċevejna l-ordni tat-tindif għaliex għeddewna li jaqtgħulna €800 mill-allokazzjoni governattiva. Is-sindku qal li se nagħmlu użu mis-servizzi tad-*Denfar Co Ltd* li kien ta stima u kienet ġiet approvata mill-KLM, u hekk nimxu skond ir-rati tal-kwotazzjoni.

13. Dwar ix-xogħlijiet ta' ħatt ta' **ħajt tal-kantun** bi sħab mal-**Ajruport Internazzjonali ta' Malta** fi Triq tas-Sejba, is-sindku qal illi issa x-xogħol huwa lest u dan kien imneħħi. Parti minn dan il-ħajt, *cioè* fl-aktar post li kien qed jostakola l-viżta tas-sewwieqa, fil-kantuniera, dan kien maħtut u s-sindku qal li se jkellem lill-Familja Facciol sabiex nippruvaw innizzluh filata oħra bħala prekawzjoni mill-aċċidenti li qed iseħħu fil-*junction* ma' Triq is-Siġġiewi. Dan għaliex skond l-informazzjoni li ingħatajna minn nies, dik il-parti hija propjetà tas-Sur Nazzareno Facciol. Jekk jirnexxielna se nagħtuh ftit konkos fuqu sabiex ma joqogħdux iwaqqgħuh il-vandali. Is-sindku qal li l-ħaddiema tal-*MIA* għamlu tlett ijiem inaddfu din iż-żona mill-iskart li kien hemm wara l-istess ħajt. Fil-futur hu ttamat li ssir kurduna u din l-*area* tingħata ftit konkos ħalli ma jibqgħax jikber il-ħaxix ħażin peress li mhux possibbli li jitħawwlu siġar eżattament mal-*fence* tal-ajruport.

14. Dwar il-laqgħa li kien hemm minn ***Latina Pictures*** dwar il-ġbid ta' film fl-Imqabba, is-sindku qal li attenda għaliha Paul Spiteri. Huwa qal li dawn bażikament se jkunu nies lebsin ta' *zombies* se jaqsmu minn Triq it-Torri għal ġor-*runway* u jiġbdu lejn Ħal Farruġ. Paul Spiteri qal li kollox se jkun konċentrat aktar fiż-żona ta' Ħal Farruġ minkejja li hu essenzjali li se jitneħħa l-*fence* tal-ajruport u allura tiżdied is-sigurtà biex ikun jista' jsir dan.

15. Dwar il-manutenzjoni tat-toroq, din se nippruvaw nagħmluha permezz tal-ħaddiema tal-*IPSL* billi jinkera sewwieq ta' trakk kif ukoll ta' romblu minn għand il-kuntrattur *Schembri Co Ltd.* Dan għaliex *Asfaltar Ltd* li għandna *period contract* miegħu bħal issa, m'għandux qatran. Il-manutenzjoni se ssir fi Triq Valletta u Triq Ħal Kirkop. Dwar Triq Valletta (l-parti arterjali) is-sindku qal li talab manutenzjoni estensiva għaliex din it-triq mhux ipproġettata li jiksiha mill-ġdid il-gvern ċentrali permezz ta' *Transport Malta*.

16. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 415, inqatgħu minn fuqha l-*items* ta' xiri ta' kompjuter /*lap top* u *server* għas-segretarju eżekuttiv meħuda minnu stess minn għand *Scan Malta Ltd.* Kien hemm osservazzjoni ta' Grace Marie Mallia għal kontijiet esaġerati ta' spejjeż minn għand i*ronmongers* partikolari. Is-sindku qal li dawn qabel ma jmorru, qed jimlew formula kull darba kif kien issuġġerixxa hu stess sabiex biha jingħataw l-affarijiet. Hu żied jgħid illi riċentement kellna xogħol marbut mal-*barriers* li ħadu ammont ta' materjal għalihom.

17. Dwar il-**lampa tat-toroq** milquta minn vettura għolja fi Triq Ħal Farruġ viċin il-barumbara, is-sindku qal li din jirrizulta li waqgħet għal isfel u ma nstabitx u kellha tinbidel mill-kuntrattur tagħna *Nexos Street Lighting*. Dan sar fil-jiem li għaddew fejn il-KLM kellu jassorbi innoċentement l-ispejjeż kollha li se jkunu inklużi fil-kont tan-*Nexos Co Ltd*.

18. Dwar l-aġenda tal-laqgħa li kienet tikkonsisti bil-**preparazzjoni għall-festa tal-MTĠ**, id-deputat sindku qal li tajjeb li jibda jkollna *team* ta' tlieta /erba' persuni, preferibbilment mill-KLM sabiex jaħdmu *overtime* jew ikunu kumpensati b'*time off* eċċ ħalli mhux kull darba tkun ta' pressjoni fuq is-sindku. Dan speċjalment meta jkun hawn it-toroq magħluqin bil-barikati li fil-verità jitneħħew minn xi persuni irresponsabbli u jiftħu t-toroq illegalment f'postijiet sensittivi u b'hekk jinħoloq *chaos* għal xejn. Dan il-punt se jkun diskuss aktar 'il quddiem. Sadanittant ġejna nfurmati bil-programm kollu tal-festa li fih se jkun involut jew mistieden il-KLM.

19. Dwar il-permessi tal-**imwejjed u s-siġġijiet** jidher li kien hemm xewqa mis-sid tal-istabbiliment *Pineapple*, tal-Pjazza tal-Knisja sabiex dan jarmahom quddiem l-uffiċċju parrokkjali.

Madankollu din it-talba mhix se tkun milqugħa għaliex f'dan is-sit hu mistenni li jkun hemm l-*Outside Broadcasting* tal-*ONE TV* li se jiffilmja l-festa.

20. Grace Maria Mallia tablet lill-KLM sabiex jara jekk jistax iħawwel **pjanta /siġra** fi propjetà pubblika. Għal dan il-għan is-segretarju eżekuttiv għandu jibgħat in-nies sabiex jaraw li din il-pjanta ta' Ms M Grech li toqgħod fi Triq il-Kovnoj ta' Santa Marija, hix addattata u hemmx fejn titħawwel fil-ġonna tagħna.

21. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jikteb lil ***Transport Malta*****,** *cioè* lis-Sur Kevin Zahra u jgħidlu illi s-SMMTĠ għalqu t-triq bil-planċier u għaldaqstant il-karozzi tal-linja se jkunu mitluba sabiex jużaw ir-rotta tal-Konvoj ta' Santa Marija, minħabba li diġà intrama l-planċier.

22. Se nerġgħu nagħmlu kuntatt ma' ***Greenpak*** sabiex nippruvaw inqassmu pakkett boroż tal-iskart tar-*recycling* lil kull familja. Is-segretarju eżekuttiv kien diġà informa lil din il-kumpanija b'dawn l-istruzzjonijiet tal-KLM filwaqt li talab spjegazzjoni għal *invoices* tal-ġbir tal-iskart li qed jinġabar minn madwar il-***bring-in-sites*****.**

23. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u dik li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*22/06/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |